MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 76/2013/1

**Raymond Bonnici u Ronald Urry**

**v.**

**Avukat Generali**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell intavolat mir-rikorrenti appellanti Raymond Bonnici u Ronald Urry minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Gunju 2014, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi laqghet ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Ir-Rikors tal-Attur**

**2.** Bir-rikors taghhom tal-1 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrenti talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti joghgobha:

- "Tiddikjara li l-process kriminali li qed jitmexxa fil-konfront ta' l-esponenti qed jledi d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tieghu, hekk kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba dewmien irragonevoli;

- "Takkorda rimedju effettiv u taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu sanciti id-drittijiet inerenti u kostituzzjonali ta' l-esponent kif hawn fuq indikat."

**3.** Il-fatti migjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti huma kif gej:

"I. Illi *circa* tlieta u ghoxrin sena ilu, u cioe **fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u disghin (1990)**, l-esponenti tressqu il-Qorti, u gew akkuzati *ai termini* ta' l-Artikolu 286 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) talli wara li gew akkuzati f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom matul dawk l-ahhar xhur, hwejjeg misruqa minghajr ma taw kont sodisfacjenti ta' kif dawn gew legittimament ghandhom. Dawn il-hwejjeg kienu jikkonsistu f'cekk ta' tlieta u disghin liri maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm93.35), Bank of Valletta, il-paga ta' Dalli Antonia;

"II. Illi l-parti sostanzjali tal-proceduri kriminali surriferiti kienet dedikata fost ohrajn ghal differimenti sabiex jinghataw provvedimenti u kif ukoll sabiex tinghata s-sentenza finali;

"III. Illi tenut kont ta' dak surreferit, u tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ghandu jinghad li dawn il-proceduri li ilhom ghaddejin ghal *circa* tlieta u ghoxrin sena (23) certament iddelungaw ruhhom inutilment u irragonevolment b'tali mod li l-esponent mhux qed jigi koncess il-possibilita li jkollu process fi zmien ragonevoli u dan skond kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"IV. Illi l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Stogmuler vs Austria (ECHR 1969), fejn gie sottomess illi l-process kriminali ghandu jkun '*designed to avoid that a person charged should remain too long in a state of uncertainty about his faith'*."

**Ir-Risposta tal-Avukat Generali**

**4.** Permezz tar-risposta tieghu tal-25 ta' Ottubru 2013, l-Avukat Generali bir-rispett talab lill-ewwel Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom u eccepixxew ukoll is-segwenti:

"1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fis-sens illi l-process kriminali li qieghed jitmexxa fil-konfront taghhom '*qed jledi d-dritt fundamentali u kostituzzjonali*

*tieghu, hekk kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba f'dewmien irragonevoli*' huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa pacifiku li d-dritt ghal smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kollha kif ukoll illi l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huwa l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti;

"3. Illi mill-inkartament tal-proceduri kriminali '*Il-Pulizija vs Raymond Bonnici u Ronald Urry*' jirrizulta li l-imputati u rikorrenti odjerni, fl-14 ta' Dicembru 1990 tressqu b'arrest akkuzati a tenur tal-artikolu 286 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) talli wara li gew ikkundannati f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom matul dawk l-ahhar xhur, hwejjeg misruqa minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif dawn il-hwejjeg gew legittimament ghandhom senjatament cekk ta' Lm83.35,0 Bank of Valletta, il-paga ta' Dalli Antonia. Mill-verbali jirriuzulta li fit-18 ta' Marzu 1991 inqraw l-artikoli u l-imputati rrispondew li m'ghandhom oggezzjoni jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fol.62). Sussegwentement, l-kaz baqa' differita ghall-provi tad-difiza. Madankollu fis-27 ta' Settembru 1991 sar rikors da parti tal-prosekuzzjoni sabiex jitressaq bhala xhud certu Emanuel Grima abbazi tal-artikolu 433(6) tal-Kap. 9 (fol. 72). Mill-verbali sussegwenti jidher li l-imputati ripetutament naqsu milli jidhru u kien ghalhekk li ma setghax jinghata d-digriet dwar it-talba tal-prosekuzzjoni. Kien fis-16 ta' Novembru 2010 li deheru z-zewg akkuzati u ghalhekk inghata d-digiret li permezz tieghu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-provi tad-difiza (fol. 179-1). Sussegwentement, l-imputati baqghu ma dehrux quddiem dik l-Onorabbli Qorti u qatt ma ressqu l-ebda prova tant illi fil-21 ta' Gunju 2013 dik l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat Raymond Bonnici (fol. 200). L-imputati imbghad dehru fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2013 izda d-difiza ma ressqet l-ebda prova u l-kawza tinsab differita ghall-provi tad-difiza ghas-27 ta' Novembru 2013;

"4. Illi ghalhekk u minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* kien hemm xi dewmien li jeccedi l-parametri tas-smigh fi zmien

ragjonevoli, l-allegat dewmien huwa unikament imputabbli ghall-agir tal-imputati;

"5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ma hemm lok ghall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrenti. L-imputati kienu mill-bidu nett assistiti mill-avukat tal-ghazla u tal-fiducja taghhom. Tenut kont li mill-verbali ma jirrizultax li l-imputati qatt ilmentaw minn dewmien fil-proceduri jew b'xi mod allegaw ksur tad-drittijiet taghhom ghal smiegh xieraq anzi kien propju l-agir taghhom li wassal ghall-allegat dewmien, ir-rimedju mitlub minnhom certament mhuwiex wiehed gustifikat. Hu dmir tad-difiza li ma tibqax passiva u tiehu sehem attiv fejn tara li hemm dewmien li hija tirritjeni li mhuwiex gustifikat billi tipprotesta u titlob li jinghata provvediment mill-qorti. M'ghandux ikun li d-difiza toqghod tistenna u wara t-trapass taz-zmien tippretendi li l-proceduri kriminali ghandhom jieqfu. Di piu, kif tghallem din l-Onorabbli Qorti, '*l-jedd li jaghtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuzat, jew li, minhabba xi irregolarita, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu …* ***Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew b'iehor, ma jwegibx tal-htija tieghu****. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fissistema tal-harsien tad-drittijiet*.' (enfasi tal-esponent)

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

## <u>Is-sentenza appellata</u>

**5.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ghas-sentenza taghha tad-19 ta' Gunju 2014 kienu s-segwenti:

"Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni illi d-dewmien fil-proceduri kriminali fil-konfront taghhom, mibdija

fl-1990, u li kienu ghadhom pendenti meta nbdiet din il-kawza (illum konkjuzi), jimporta lezjoni tal-jedd fundamentali taghhom kif protett bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

"Ikkunsidrat illi l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi illi:

""*In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.*"

"Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta' Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi:

""*B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:*

"1. in-natura u/jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni,

"2. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u

"3. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess."

"Fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (27 ta' Gunju 2003) intqal inoltre illi:

""*S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli.*"

"Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza John Bugeja vs Avukat Generali affermat inoltre illi:

*""Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqatghet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verita', l-abilita' ta dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolartment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita' u l-kumplessita' tal-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*"Id-dritt fundamentali tal-indivdwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe' l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra necessarji biex il-Qrati jkunu f'pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli."*

"Il-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz ta' Zimmermann and Steiner vs Switzerland sostniet li l-istati ghandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).

"Ukoll fil-kaz ta' Guincho vs Portugal sahqet li stat ghandu l-obbligu li forni bizejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri (10 ta' Lulju 1984).

"Fid-dawl ta' dan l-insenjament ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat.

"L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi:

*""When the length of the relevant period has been established, it must be subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case."*

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Said vs Avukat Generali (11 ta' Novembru 2011) irriteniet illi:

""*Ghalhekk skond dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux.*"

"Fil-kaz in ezami, l-Qorti tqis ta' rilevanza kbira il-komportament tar-rikorrenti nfushom akkuzati f'dawk il-proceduri.

"Jirrizulta illi r-rikorrenti odjerni tressqu b'arrest fl-14 ta' Dicembru 1990. Fit-18 ta' Marzu 1991 il-kaz gie differit ghall-provi tad-difiza. Minn dakinhar sas-16 ta' Novembru 2010, l-akkuzati qatt ma deheru flimkien ghas-smiegh u konsegwentement, talba tal-prosekuzzjoni maghmula f'Settembru 1991 baqghet ma setghetx tigi dekretata. Din it-talba ncahdet u l-kaz rega' baqa ghall-provi tad-difiza. Sa' Gunju tal-2013, l-akkuzati baqghu ma dehrux u ma ressqux provi. Dehru f'Settembru 2013 (il-Qorti kienet orndat l-arrest tar-rikorrenti Bonnici), pero ma tressqux provi lanqas.

"Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif jigu issa r-rikorrenti (dan wara li gew liberati mill-imputazzjoni wara eccezzjoni ta' preskrizzjoni

mqajjma mill-Qorti stess), u jsostnu li d-dewmien huwa attribwibbli lil kullhadd hlief lilhom stess.

“Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ r-risposta guramentata tal-Avukat Generali u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

“L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.”

**Rikors tal-Appell ta’ Raymond Bonnici u Ronald Urry**

**6.** B’rikors tat-8 ta’ Lulju 2014, l-atturi appellanti, talbu lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata, tilqa’ t-talbiet kollha tal-appellanti kif dedotti minnhom fir-rikors promotur, u tichad it-twegibiet tal-intimat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat.

**7.** L-aggravju tal-atturi appellanti huwa sostanzjalment wiehed konsistenti filli l-atturi appellanti jsostnu li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi meta kkonkludiet illi ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali tal-atturi appellanti ghal smiegh xieraq.

**Risposta ta’ Appell tal-Avukat Generali**

**8.** Fir-risposta tieghu tat-18 ta' Lulju 2014, il-konvenut appellat filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tal-kawza u jirrizerva li jressaq dawk il-provi kollha mehtiega u permessibbli skont il-ligi f'dan l-istadju, bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell in risposta u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tad-19 ta' Gunju, 2014 fl-ismijiet **Raymond Bonnici u Ronald Urry v. Avukat Generali**, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**9.** Fil-qosor, il-konvenut appellat issottometta illi skont il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, huwa pacifiku illi sabiex tigi ddisturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti jrid ikun hemm ragunijiet gravissimi, liema ragunijiet f'dan il-kaz ma jissussistux. Il-konvenut appellat jargumenta illi minghajr pregudizzju ghal dan, mhux minnu li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif allegat mill-atturi appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**10.** Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali ta' smiegh xieraq fi proceduri kriminali quddiem il-Qorti. L-atturi appellanti jsostnu illi huma garrbu dan il-ksur, kemm taht il-Kostituzzjoni u kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja, meta l-Qorti li quddiemha kien qieghed jinstema' l-kaz

taghhom damet zmien irragjonevolment twil u esagerat sabiex tiddeciedi l-kaz taghhom.

*Verzjoni tar-rikorrenti appellanti*

**11.** Skont l-atturi appellanti, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u dan meta dehrilha illi ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq ghar-ragunijiet illi r-rikorrenti appellanti gew liberati mill-imputazzjoni kontrihom wara eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-Qorti stess li quddiemha tressqu u peress illi d-dewmien kien attribwibbli lil hadd hliefhom.

**12.** Huma jargumentaw illi dak li jiggarantixxi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem huwa d-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u li skont il-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux ragjonevoli hemm bzonn li jigu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti – jigifieri l-komplessita` tal-kaz, l-imgieba tal-Qorti u l-imgieba ta' min ikun qed jaghmel il-lament.

**13.** L-atturi appellanti jsostnu illi meta wiehed iqieghed ic-cirkostanzi tal-kaz u z-zmien rilevanti ghall-ilment tal-appellanti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq imsemmija, wiehed ma jistax jasal ghall-fehma li kien hemm dewmien

gustifikabbli fis-smiegh ta' dan il-kaz jew li tali dewmien kien attribwibbli lill-imputati. Iz-zmien li ttiehed sakemm il-proceduri kriminali twasslu ghall-ghoti tas-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien wiehed li certament jaqbez iz-zminijiet li normalment jittiehed biex Qorti tiddisponi minn kazijiet simili.

**14.** L-atturi appellanti jaghtu riassunt ta' dak li gara fl-andament tal-kaz imsemmi u jsostnu illi l-meritu tal-kaz ma kienx xi wiehed li kien jinvolvi ghadd ta' depozizzjonijiet u dokumenti esebiti li kellhom jigu mistharrga u ezaminati bir-reqqa jew xi kaz li kien jehtieg ricerka u studju profond fuq diversi istituti tal-ligi. Huma jzidu illi l-kawza giet differita mill-inqas mija u tnejn u tletin darba li fil-maggor parti taghhom dawn id-differimenti ma kienux attribwibbli ghall-appellanti. Huma jsostnu wkoll illi mir-riassunt tal-verbali surreferiti wiehed jista' jinnota illi jekk kien hemm xi nuqqas da parti tal-appellanti ghaliex kien hemm xi seduti li gew differiti minhabba li ma deherux, dan kien minimu hdejn id-drabi l-ohra li l-kawza kellha tigi differita minhabba nuqqas tal-awtoritajiet koncernati. Skont l-atturi appellanti, il-Qorti tal-Magistrati kellha l-obbligu li taccerta ruhha li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jigu osservati u li ma tippermetti l-ebda ksur ta' dawn id-drittijiet u dan billi tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji spettanti lilha.

*Verzjoni tal-intimat appellat*

**15.** Min-naha l-ohra, il-konvenut appellat jghid illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi u li huwa pacifiku illi sabiex tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jrid ikun hemm ragunijiet gravissimi, liema ragunijiet f'dan il-kaz ma jissussistux.

**16.** Skont il-konvenut appellat, kif tajjeb ikkunsidrat l-ewwel Qorti, il-gurisprudenza fuq id-dritt ghal smiegh hija fis-sens li dan id-dritt irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha u li sabiex jigi determinat jekk is-smiegh sarx fi zmien ragjonevoli ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni principalment il-fatturi tal-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita` jew awtoritajiet relevanti. Huma jargumentaw illi kif tajjeb iddecidiet l-ewwel Qorti, huwa ta' rilevanza kbira l-komportament tar-rikorrenti nfushom akkuzati f'dawk il-proceduri.

**17.** Il-konvenut appellat jaghti rendikont ta' dak li gara fil-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Bonnici u Ronald Urry** u jghid illi *dato ma non concesso* li kien hemm xi dewmien li jeccedi l-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli, l-allegat dewmien kien imputabbli ghall-fatt li l-imputati ma kienux qeghdin jidhru ghas-seduti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'dan illi l-ebda htija ma tista' tigi attribwita lill-Awtorita` Gudizzjarja.

**18.** Skont il-konvenut appellat, huwa ferm rilevanti wkoll illi b'decizjoni datata 27 ta' Novembru 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali fl-imsemmija proceduri kriminali kontra r-rikorrenti odjerni, ukoll ezebita fl-atti, dik il-Qorti qajjmet *ex officio* l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ddecidiet billi ddikjarat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati bhala preskritta u lliberathom minnha.

**19.** In vista tal-assjem ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-konvenut appellat itenni li l-atturi appellanti ma sofrew l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq fil-proceduri kriminali surriferiti u kull allegat ksur a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta huwa infondat u insostenibbli u li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata.

**20.** Il-konvenut appellat jghid ukoll li *dato ma non concesso* li din il-Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi appellanti, fatt li qed jigi kontestat, il-konvenut appellat jirrileva li fic-cirkostanzi tal-kaz, dikjarazzjoni ta’ ksur hija sufficjenti u ma hemmx lok ghar-rimedji ohra mitluba mir-rikorrenti. Skont il-konvenut appellat, l-atturi appellanti kienu mill-bidu nett assistiti mill-avukat tal-ghazla u tal-fiducja taghhom u mill-verbali ma jirrizultax li l-imputati qatt ilmentaw minn dewmien fil-proceduri jew b’xi mod allegaw ksur tad-drittijiet taghhom ghal smiegh xieraq. Huma jargumentaw illi bil-kuntrarju, kien proprju l-agir taghhom li wassal ghall-allegat dewmien u konsegwentement ir-rimedju mitlub minnhom certament mhuwiex wiehed gustifikat. Izidu wkoll illi huwa dmir tad-difiza li ma tibqax passiva u tiehu

sehem attiv fejn tara li hemm dewmien li hija tirritjeni li mhuwiex gustifikat billi tipprotesta u titlob li jinghata provvediment mill-Qorti.

*Id-Dritt ghal Smiegh Xieraq – Principji*

**21.** Kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b'reat kriminali smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

**22.** Madankollu, la l-gurisprudenza moghtija mill-Qrati Maltin u lanqas dik moghtija mill-Qorti Ewropeja ma stabbilixxiet termini rigidi u pre-determinati ghas-sinifikat tal-kliem "*zmien ragonevoli*."

**23.** Dak li gie stabbilit permezz tal-gurisprudenza msemmija [1] huma tliet kriterji principali indikattivi tar-ragjonevolezza ta' dan it-tul taz-zmien u dawn huma:

- In-natura jew il-komplessita` tal-kaz;
- Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza;
- Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti;

**24.** Naturalment, sabiex Qorti tiddetermina jekk kienx hemm dewmien esagerat u irragjonevoli kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu.

[1] Ara s-sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet ***König v. Germany*** § 99; ***Neumeister v. Austria***, § 21; ***Ringeisen v. Austria,*** § 110; ***Pélissier and Sassi v. France*** [GC], § 67; ***Pedersen and Baadsgaard v. Denmark***, § 45.

**25.** Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet **Francis Said v. L-Avukat Generali** dik il-Qorti rriteniet illi:

> "*Huwa diskrezzjonali fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f'socjeta' demokratika*."

**26.** Hekk ukoll il-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha moghtija fit-22 ta' Settembru 1992 fl-ismijiet **Boddaert v. Belgium** irriteniet is-segwenti:

> "*36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*"

**27.** Kif ukoll sewwa rriteniet il-Qorti Ewropeja fis-sentenza ta' ***Boddaert*** hawn fuq imsemmija, minkejja li huwa importanti li l-proceduri gudizzjarji ma jdumux izzejjed, b'tali mod li d-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ma jkunx rispettat, huwa importanti wkoll li l-gustizzja tkun amministrata b'mod xierqa:

> "*Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice*."

*Applikazzjoni tal-Principji ghall-Fatti tal-Kaz*

*In-Natura jew komplessita` tal-kaz inkwistjoni*

**28.** Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Philip Sammut) v. Raymond Bonnici u Ronald Urry** jirrizulta illi Raymond Bonnici u Ronald Urry gew akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja taht l-Artikolu 286 tal-Kodici Kriminali talli wara li gew ikkundannati f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom matul dawn l-ahhar xhur, hwejjeg misruqa minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif dawn gew legittimament ghandhom. Dawn il-hwejjeg kienu cekk ta' tlieta u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmi (Lm93.35.0), Bank of Valletta, il-paga ta' Dalli Antonia.

**29.** Min-natura tar-reati addebitati lir-rikorrenti appellanti u mill-atti tal-process kriminali fil-konfront taghhom assolutament ma jirrizultax li l-kaz kontra r-rikorrenti appellanti kien xi wiehed li b'xi mod jista' jigi deskritt bhala kompless. Dan anqas l-intimat appellat ma jallegah.

*Kondotta tal-partijiet fil-kawza u l-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess*

**30.** Jirrizulta li l-intimat appellat, kif ghamlet ukoll l-ewwel Qorti, jattribwixxi d-dewmien li kien hemm fil-proceduri kriminali principalment ghall-kondotta fil-kawza tar-rikorrenti appellanti. Din il-Qorti ser ghalhekk tghaddi biex tezamina dak li jirrizulta mill-verbali tas-seduti tal-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Bonnici u Ronald Urry** sabiex tiddentifika x'kienu r-ragunijiet tad-dewmien. Ghandu jinghad mill-ewwel, izda, li dewmien ta' circa 23 sena fi

proceduri kriminali huma difficilment gustifikabbli kien x'kien il-komportament tal-persuni imputati fl-istess proceduri tenut kont tal-fatt li hu dejjem obbligu tal-Qorti kompetenti li tassigura li l-imputati ma jithallewx jikkomportaw ruhhom b'tali mod li jiddilungaw inordinatament il-proceduri kontra taghhom u li tkun robusta, assertiva u attiva filli tirrikorri ghal dawk il-mezzi kollha li taghtiha l-ligi sabiex twettaq dan l-obbligu taghha[2].

**31.** Is-segwenti kienu t-tappi salienti tal-proceduri kontra r-rikorrenti appellanti:

- **<u>14 ta' Dicembru 1990</u>** – L-imputati gewipprezentati taht arrest u l-Qorti dakinhar laqghet it-talba taghhom u akkordatilhom il-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet imsemmijin a fol. 28 tal-process;

- **<u>4 ta' Jannar 1991</u>** – Il-prosekuzzjoni pproduciet il-provi taghha u l-Qorti Istruttorja ddecidiet illi hemm ragunijiet bizzejjed biex ir-rikorrenti jitqieghdu taht att ta' akkuza u bghatithom biex joqghodu taht dak l-att;

- **<u>8 ta' Jannar 1991</u>** – L-atti tal-Kompilazzjoni gew mibghutin lill-Avukat Generali;

- **<u>25 ta' Frar 1991</u>** – L-Avukat Generali ddecieda illi ma jqieghedx lill-imputati taht att ta' akkuza izda bghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-istess Qorti tiddeciedi jekk l-imputati humiex hatja taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 286 tal-Kodici Kriminali;

[2] Ara fost ohrajn, sent. Q. Kost. **Xuereb v. Registatur tal-Qrati et**, 8/11/2004

- **<u>18 ta' Marzu 1991</u>** – Deher l-ufficjal prosekutur u l-imputati minghajr l-avukati difensuri taghhom u wara li nqraw l-Artikoli l-imputati rrispondew li m'ghandhomx oggezzjoni jigu gudikati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

- **<u>26 ta' April 1991</u>** – Deher l-ufficjal prosekutur. L-imputat Urry ma deherx u peress li rrizulta li Urry kien gie debitament notifikat, il-Qorti ordnat li ghas-seduta li jmiss Ronald Urry jingieb permezz ta' mandat ta' arrest;

- **<u>27 ta' Mejju 1991</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur u l-imputati. Deher Emanuel Grima bhala xhud tal-prosekuzzjoni pero` peress li l-provi tal-Prosekuzzjoni nghalqu, dan ix-xhud ma setax jixhed. Dr. Toni Abela msejjah tliet darbiet ma deherx;

- **<u>21 ta' Gunju 1991</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher biss l-imputat Ronald Urry. L-imputat l-iehor Raymond Bonnici msejjah tliet darbiet ma deherx, u skont ma giet infurmata l-istess Qorti kellu bzonn imur l-isptar ta' San Luqa;

- **<u>19 ta' Lulju 1991</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur u l-imputati. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Settembru, 1991 ghall-provi tad-difiza;

- **<u>24 ta' Settembru 1991</u>** – Meta ssejhet il-kawza dehru l-imputati u l-ufficjal prosekutur. Id-difensuri rispettivi msejha tliet darbiet ma dehrux;
- **<u>28 ta' Ottubru 1991</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat Raymond Bonnici u il-P.L. Mario Mifsud Bonnici ghall-imputat Ronald Urry. Deher ukoll l-ufficjal prosekutur li nforma lill-Qorti li m'ghandux ir-riferta relattiva;

- **<u>7 ta’ Novembru 1991</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher biss l-ufficjal prosekutur. Il-Qorti giet infurmata mill-Prosekuzzjoni li llum Ronald Urry jinsab id-*detox centre* fl-isptar San Luqa;

- **<u>8 ta’ Jannar 1992</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat Raymond Urry u l-Ufficjal prosekutur. Raymond Bonnici gie msejjah tliet darbiet u ma deherx. Il-Prosekuzzjoni esebiet l-annessa riferta pero` gie infurmat li dan l-imputat jinsab il-habs;

- **<u>3 ta’ Frar 1992</u>** – Peress li l-Qorti kienet impenjata b’xoghol iehor kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghas-6 ta’ Marzu 1992;

- **<u>6 ta’ Marzu 1992</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur u l-imputati. L-avukati difensuri msejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti ordnat li fis-seduta li jmiss jigi prodott Emmanuel Grima indikat fil-verbal tas-27 ta’ Settembru 1991. Aktar tard deher Dr. Toni Abela u P.L. Mario Mifsud Bonnici. L-imputat Raymond Bonnici esebixxa certifikat mediku. L-avukati difensuri in rigward it-talba ghall-produzzjoni ta’ Emmanuel Grima irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti. Il-Qorti ddiferiet il-kawza ghal dan l-iskop u ghall-provi tad-difiza ghat-8 ta’ April 1992 fl-10.00 am;

- **<u>8 ta’ April 1992</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur u l-imputati. Il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-iskop skont kif indikat fil-verbal precedenti ghas-27 ta’ April 1992 fid-9.30 am;

- **<u>27 ta’ April 1992</u>** – Meta ssejhet il-kawza deheru l-imputati. Peress li l-proces verbal kien ghadu mhux lest, kawza differita ghall-1 ta’ Gunju 1992 fid-9.30 am;

- **<u>Mill-1 ta’ Gunju 1992 sal-21 ta’ Gunju 2000</u>** – Perjodu ta’ mhux inqas minn 8 snin, saru hamsin seduta li fihom ma sar kwazi xejn fil-bicca

l-kbira ghaliex digriet dwar il-produzzjoni ta' xhud baqa' ma inghatax kif ukoll ghal ragunijiet ohra bhal minhabba impenji tal-Qorti, minhabba l-fatt li ma deher hadd jew ma deherx l-ufficjal prosekutur, u darba wahda sahansitra minhabba li l-Qorti kienet sprovvista minn messaggier. Perjodu ta' 8 snin li ma jaghmlux gieh lill-awtoritajiet kompetenti koncernati li ma jirrizultax li hadu xi passi sabiex isir xi progress fil-proceduri;

- **<u>Mit-28 ta' Lulju 2000 sat-22 ta' Gunju 2005</u>** – Perjodu ta' kwazi hames snin ohra, saru 23 seduta ohra li fihom ukoll ma sar xejn ghaliex fihom ma deher hadd u digriet semplici li kellha taghti l-Qorti ma setghetx taghtih skont il-ligi. Ma jirrizultawx li ttiehdu xi mizuri effettivi mill-prosekuzzjoni jew mill-Qorti sabiex jigi assigurat progress;

- **<u>Mill-20 ta' Settembru 2005 sat-18 ta' Dicembru 2009</u>** – Perjodu ta' kwazi 4 snin ohra, li fih saru 20 seduta ohra li fihom kollha ma sar xejn ghaliex gew differiti ghall-provvediment/sentenza;

- **<u>19 ta' Frar 2010, 20 ta' April 2010</u>** – Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd u ghalhekk il-Qorti ma setghetx taghti s-sentenza. Il-kawza ghalhekk giet differita;

- **<u>15 ta' Gunju 2010</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-akkuzat Raymond Bonnici u nforma lill-Qorti li prezentement qieghed taht kura l-Isptar Monte Carmeli. L-akkuzat l-iehor ma deherx. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx taghti s-sentenza. Il-kawza ghalhekk giet differita;

- **<u>17 ta' Settembru 2010</u>** – Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti giet infurmata mill-ghassa tas-Sliema telefonikament illi l-akkuzat Urry ma nstabx u li l-Ispettur hu ndispost. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx taghti s-sentenza u l-kawza giet differita;

- **<u>16 ta' Novembru 2010</u>** – Meta ssejhet il-kawza dehru z-zewg akkuzati assistiti mill-P.L. Mario Mifsud Bonnici u nghata d-digriet. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Frar 2011 fid-9.30 am ghall-provi difiza;

- **<u>1 ta' Frar 2011</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher biss l-akkuzat Raymond Bonnici. L-akkuzat Ronald Urry ma deherx u l-Qorti giet infurmata li Urry jinsab rikoverat fl-isptar Monte Carmeli. Il-kawza giet differita ghad-29 ta' Marzu 2011 fid-9.30 am ghall-provi difiza;

- **<u>Mid-29 ta' Marzu 2011 sal-14 ta' Gunju 2013</u>** – Perjodu ta' izjed minn sentejn li matulu saru 15-il seduta li fihom ma sar xejn ghaliex meta ssejhet il-kawza Raymond Bonnici u / jew Ronald Urry ma deherux. F'uhud mis-seduti ma deher hadd;

- **<u>21 ta' Gunju 2013</u>** – Il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat u rrizervat li tipprovdi ulterjorment dwar in-nuqqas tal-imputat li jidher ghas-seduta li kien imiss;

- **<u>30 ta' Settembru 2013</u>** – Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat Raymond Bonnici sprovvist mill-avukat tieghu, Dr. Marion Camilleri, u l-imputat Ronald Urry li nforma lill-Qorti li kien ghadu ma tkellimx ma' avukat dwar is-seduta tal-lum. Deher l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Joseph Mercieca. Wara li giet posposta l-kawza u regghet issejhet il-kawza, deher l-imputat Raymond Bonnici assistit minn Dr. Franco Debono u l-imputat Ronald Urry mhux assistit. Deher ukoll l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Jesmond Micallef. Dr. Debono ezenta lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi mismugha u l-Prosekuzzjoni wkoll iddikjarat li qed tezenta lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sal-lum. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Novembru 2013 ghall-provi tad-difiza;

- **<u>27 ta’ Novembru 2013</u>**: Il-kawza giet deciza;

**32.** Minn dan l-analizi tal-*iter* deplorevoli tal-process **Il-Pulizija v. Raymond Bonnici u Ronald Urry** din il-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-agir tal-imputati li ripetutament ostakolaw il-progress tal-proceduri billi ghal f’diversi okkazzjonijiet naqsu li jidhru ghas-seduti izda fl-istess hin ma tistax ma tiddeplorax l-inerzja totali tal-prosekuzzjoni u n-nuqqas taghha li turi l-icken impenn sabiex taghmel dak kollu mehtieg biex tassigura l-prezenza tal-imputati ghall-proceduri. Jirrizulta ampjament ukoll li l-Qorti kif preseduta matul l-andament tal-proceduri naqset milli tiehu dawk il-mizuri mehtiega sabiex twassal il-proceduri ghat-tmiem taghhom u biex ma thallix la lill-imputati kif ukoll lill-prosekuzzjoni milli kontinwament jimblokkaw il-proceduri. Dan apparti l-fatt stess li l-Qorti stess ghal snin twal ikkontribwiet ghad-dilungar tal-proceduri billi halliet ir-riedni tal-gestjoni tal-kawza jittiehdu minn idejha u meta naqset milli taghti provvediment semplici li kellha taghti, anki jekk dan ghal zmien twil kien dovut ghall-fatt li l-imputati naqsu milli jidhru ghall-proceduri. Kien biss appena l-proceduri ghaddew f’idejn Magistrat iehor wara l-irtirar tal-Magistrat ta’ qabel li l-proceduri twasslu ghat-tmiem taghhom fi zmien relattivament qasir.

**33.** Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi minkejja li z-zewg akkuzati fil-proceduri kriminali hawn fuq imsemmijin indubbjament ikkontribwew ghall-ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq fl-istess proceduri, dan il-

ksur sehh principalment minhabba n-nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni u tal-Qorti li jaghmlu dak kollu li huwa necessarju sabiex dan id-dritt jigi rispettat[3].

**34.** L-aggravju tal-atturi appellanti ghalhekk qed jigi milqugh.

**Rimedju**

**35.** L-intimat appellat isostni li, jekk din il-Qorti ssib vjolazzjoni, kif qed issib, fic-cirkostanzi tal-kaz dikjarazzjoni ta' ksur hija sufficjenti. Hu minnu li f'kazijiet ta' dewmien irragjonevoli gieli gie ritenut li s-semplici dikjarazzjoni tal-lezjoni tad-dritt fundamentali hi rimedju sodisfacenti izda dan ikun il-kaz meta l-lezjoni tkun wahda ta' natura marginali[4]. Dan ma hux il-kaz hawnhekk fejn il-proceduri huma ta' xorta kriminali u gew prolongati bla gustifikazzjoni ghal cirka 23 sena. Din il-Qorti hi tal-fehma li tenut kont taz-zmien ferm eccessiv li hadu l-proceduri kriminali r-rikorrenti appellanti jisthoqqilhom jigu kumpensati finanzjarjament in linea ta' danni morali li sofrew kagun tad-dewmien.

**36.** Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens li jkun gust fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hadet qies tac-cirkostanzi li gejjin:

a. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv;

[3] Ara wkoll sent. Q. Kost. **Central Mediterranean Development Corporation Limited v. Avukat Generali**, 8/5/2003; sent. Q. Kost. **Xuereb v. Registratur tal-Qrati et**, 8/11/2004; Q. Kost. **Manduca v. Onor. Prim Ministru**, 23/1/1995

[4] Ara sent. Q. Kost. **John Bugeja v. Avukat Generali et**, 11/8/2003

b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti;

c. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien necessarjament iggenera fl-imputati;

d. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom;

e. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri.

**37.** Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, din il-Qorti tillikwida *arbitrio bono viri* l-ammont ta' kumpens dovut lir-rikorrenti appellanti bhala danni morali fl-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) kull wiehed

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell tar-rikorrenti appellanti billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti appellanti billi tiddikjara li fil-process kriminali li ghalih sar riferenza aktar qabel f'din is-sentenza gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrenti appellanti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bhala rimedju tikkundanna lill-Avukat Generali jhallas lil kull wiehed mir-rikorrenti appellanti s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) ghad-danni morali sofferti minnhom in konsegwenza tal-istess vjolazzjoni.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-appellat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------